**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

# IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 36 – IT-TNEJN, 15 TA' DIĊEMBRU 2014 FIL-5.30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 34**

1.1 Kien hemm korrezjoni waħda. L-aħħar sentenza għandha tiġi eliminata minn paragrafu 2.2 u minflok isir paragrafu 2.3 "Is-Sur Trevor Fenech ma jaqbilx mad-deċiżjoni li ttiehdet fil-paragrafu 6.4".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti 34**

2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet rigward paragrafu 5.1 f'hiex waslet is-sejħa għal Librarian ġdida. Is-Sur Bonello Du Puis informa lill-Kunsill li hu ordna lis-Segretarju Eżekuttiv biex iwaqqaf il-proċeduri sakemm jivverifika l-gravità tas-sitwazzjoni fil-library. Għandu jerġa' jitkellem mal-Kunsill waqt il-laqgħa li jmiss.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 35**

3.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jigu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Pagamenti Numru 31

4.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni fuq korrispondenza minn Bright Sparks Child Care, fejn ġew mitluba numru ta' miżuri għal Triq P P Bezzina. Ġie deċiż li ssir site visit biex jiġi stabbilit x'jista' jsir.

5.2 Ġiet innutata talba minn GreenPak biex fil-Milied u s-Sena l-Ġdida ma jinġabrux skart reċiklat u minflok jinġabar l-għada. Wara diskussjoni ġie deċiż li ma jkunx hemm qbil ma' din u l-iskart reċiklat jinġabar skont l-iskeda.

5.2.1 Ġie deċiż ukoll li ssir email lill-WasteServ, l-AKL u lill-Ministru kkonċernat rigward l-għeluq tal-miżbla fil-11.00 am fl-24 u fit-31 ta' Diċembru 2014. Dan mhux ħin biżżejjed biex jinġabar l-iskart fl-istess ġranet.

5.3 Ġiet innutata Memo 30/2014 rigward spazji miftuħin. Ġie deċiż li nipproponu l-Cart Ruts għal din l-iskema.

## 6 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-interviews tal-kandidati li ġew short listed għall-post ta' skrivan saru aktar kmieni filgħodu. Hu kompla jgħid li 3 ma attendux għall-interview. Kien hemm qbil fil-board li żewġ kandidati jigu short listed wara li saru l-interviews, dawn kienu s-Sinjorina Janika Baldacchino u s-Sinjura Frances Spiteri.

6.1.1 Wara diskussjoni, is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li tintgħazel is-Sinjorina Janika Baldacchino għall-post ta' skrivan tal-kunsill. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 6 favur u 1 astensjoni.

6.2 Il-Kunsill ġie infurmat li fid-9 ta' Jannar 2015, id-data tal-ikla tal-Kunsill, il-Golden Sands mhux ser ikollu buffet dinner. Ġie deċiż li minflok, l-ikla tal-Milied issir fl-istess ġurnata fil-Lukanda Le Meridien.

## 7 Affarjiet oħra

7.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-ħajt tal-masġar issewwa imma mhux sodisfaċenti. Hu talab ukoll biex isiru 10 plakek tat-toroq ġodda minħabba li huma neqsin. Ġab għall-attenzjoni wkoll li hemm żewġ garages fi Triq il-Gardell u fi Sqaq Żbibu li hemm allegazzjoni li mhux qed jintużaw bħala garage u xorta hemm No Parking. Ġie deċiż li dawn il-każijiet jiġu riferuti lill-Pulizija. Is-Sur Cassar talab ukoll biex isiru Double Yellow Lines bejn żewġ garages fi Triq Il-Kapuċċini. Għandha ssir talba lill-TM. Hu informa lill-Kunsill li hemm residenza fi Triq Buhagiar li talbet biex tagħmel hi, bi spejjeż tagħha, bollards biex ma jipparkawx karozzi fuq il-bankina. Kien hemm qbil fuq dan.

7.2 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li l-magazine tal-Kunsill wasal u ser jitqassam il-Ħamis li ġej.

7.3 Is-Sinjura Marica Bayliss staqsiet jekk hux ser isiru l-qfuf tal-frott għal dawk l-anzjani li huma homebound. Ġie deċiż li dawn isiru.

7.3.1 Is-Sinjura Marica Bayliss stqarret ukoll li hija disgustata bl-ittri negattivi mill-kunsillier Saliba li kien hemm rigward l-attivitajiet u t-tiżjin tal-Milied u li sahansitra intbghatu lid-direttur tal-kunsilli. Hi fakkret li dawn kienu approvati mill-Kunsill u hemm il-budget għalihom.

7.4 Is-Sur Neville Mallia fakkar li ċ-ċint fi Triq Ġużè Azzopardi għadu ma ġiex irranġat.

## 8 Performance Bonus

8.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-performance tas-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2014. Kien hemm qbil li x-xogħol matul is-sena kien tajjeb ħafna. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata il-massimu ta' 10% performance bonus.

8.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-performance tal-istaff tal-Kunsill matul is-sena 2014. Kien hemm qbil li x-xogħol matul is-sena kien tajjeb ħafna. Kien hemm qbil unanimu li l-istaff jieħdu il-massimu ta' 6% performance bonus.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Jannar 2015 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**